MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Numru 943/2002

Il-Pulizija
(Spettur J.Cordina)
vs
Godwin Mifsud

Il-Qorti
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 830857m, akkuzat talli:
- fl-ewwel ta’ Awissu 2002 u fil-gimghat precedenti fil-Marsa u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew wera’ haga b’ohra, sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprisi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immagininarji, jew

sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Lm1000 bi hsara tas-socjeta' Maltacom p.l.c u ohrajn – bi ksur ta' l-Artikoli 18,308,309 u 310 tal-Kap 9;

2. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halaq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw – bi ksur tal-Artikoli 18 u 183 tal-Kap 9;

3. xjentement ghamel uzu minn tali atti, kitba jew skrittura – bi ksur tal-Artikoli 18 u 184 tal-Kap 9;

4. ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifikat – bi ksur tal-Artikoli 18 u 189 tal-Kap 9;

5. ghamel uzu mhux sewwa ta' karta fdata lilu in bjank bil-firma biss, bi hsieb ta' qliegh, kiteb fuqha xi haga li tkun ta' hsara ghall-persuna ohra, jew bl-istess hsieb, zid fuq karta mhux in bjank, fdata lilu, xi kitba jew klawsola – bi ksur tal-Artikoli 18 u 297 tal-Kap 9.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali (folio 347) li fih fuq l-iskorta tal-artikoli tal-ligi minnu citati bghat lura lil din il-Qorti l-atti sabiex tiddecidi fuq il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti mhux kontestati jikkonsistu filli fit-2 ta' Mejju 2001 is-socjeta' allura bl'isem ta' Maltacom (riferuta bhala s-socjeta' f'dan il-gudikat) approvat lill-imputat (li minn fatturi li jinsabu fl-atti jidher li kien qed jagixxi f'ismu proprju) sabiex jfornija b'tower ladders' u attrezzaturi ohrajn biex jigu minnha uzati fil- manutenzjoni u tisswijiet tal-'overhead' cables' tat-telofonija f'Malta li kienu

responsabilita' tas-socjeta'. Dan kien in segwitu ta' offerta li s-socjeta' kienet harget zmien qabel u li l-imputat kien ikkompeta ghaliha u li eventwalment giet aggudikata lilu. Jirrisulta li l-imputat skond l-imsemmija offerta kellu wkoll jipprovdi sewwieq ghal kull trukk li kien ikun rikjest. Lanqas mhu kontestat li l-imputat offra s-servizzi tieghu ghax-xhur ta' Mejju, Gunju u Lulju tas-sena 2002 ossija sa meta gie terminat l-appalt fuq allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet wara 'investigazzjoni' li bdiet mill-ufficju tal-Awditjar Intern tas-socjeta'.
Intant, skond ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, l-imputazzjonijiet jippotizzaw :

- ir-reat ta' truffa, aggravata u kontinwata;
- ir-reat ta' qerq innominat, aggravat u kontinwat;
- ir-reat ta' falsifikazzjoni ta' atti kummercjali minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku kompriz l-uzu xjenti taghhom;
- ir-reat ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti foloz;
- ir-reat konness mal-abbuz ta' karta in bjank jew xort'ohra;

Illi minn xhieda prodotta mill-prosekuzjoni, allura f'idejn l-Ispettur Joseph Cordina (li xehed a fol.21 et seq) l'allegazzjonijiet dwar l-irregolaritajiet kienu li s-socjeta' kienet tigi iffaturata mis-seba ta' filghodu anka meta x-xoghol kien jintalab ghal xi hin specifiku wara, li f'xi fatturi kien hemm jew seta' kien hemm abbuz minhabba li kienu jinqabzu linji u wkoll li kien hemm minnhom doppji, li kien hemm entrati b'hinijiet mizjuda u entrati b'firem iffalsifikati.
Ix-xhud Ingrid Azzopardi, direttur Internal Audit fis-socjeta' (fol.49 et seq) tirreferi li l-imputat, skond l-investigazzjoni kondotta principalment minnha, thallas indebitament is-somma ta' Lm11,497.50 konsistenti allegatament fin-numru ta' 'tower ladders' u/jew s-sura taghhom li l-imputat indika fuq il-fatturi li irrisultawlha inkorretti skond u in bazi ta' informazzjoni li kienet otteniet mill-impiegati kollha tas-socjeta' li kienet intervistat.
Fir-rigward il-procedura ossija sistema li kienet tintuza vis-a-vis l-ordnijiet (principalment it-'tower ladders') jirrisulta mill-atti li bhala regola l-ordni kienet issir b'telefonata lill-ufficju tal-imputat li kien jissodisfha prontament billi jibghad impiegat minn tieghu bit-trakk b'dak kollu li kien

jigi rikjest. Din l-ordni kienet issir mill-foreman (pero’ mhux dejjem) tal-varji sezzjonijiet (‘gangs’ adetti ghax-xoghlijiet) fi hdan is-socjeta’; tali ordni kienet tigi konfermata mill-impiegat tas-socjeta’ fuq l-lant tax-xoghol fejn ikunu gew provduti l-ingenji billi jinizzjalha jew jindika in-numru ta’ identifikazzjoni tieghu; imbaghad kull l-ahhar tax-xahar l-varji fatturi f’numru pjutost konsiderevoli kienu jigu presentati lill-foreman relattiv li kien jiccertifikha l-koretezza taghhom wara li kien janalizzhom u jiffirma; l-fatturi kienu sussegwetement jigu presentati mill-imputat ghall-hlas.

Ikkonsidrat:

Li f’dan l-istadju ta’ dan il-gudikat l-Qorti ser taghmel riferenza ghal xi xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet minnha ipotizzati kontra l-imputat. Ser tibda mix-xhieda ta’ John Magri (fol.74 et seq). Fil-kors tax-xhieda tieghu x-xhud gie riferut ghall-fatturi numru 12255, 1255, 11905, 12203, 12256,12155 migbura ma’ numru sostanzjali ta’ fatturi ohra fid-dok. GM6. Stqarr fix-xhieda tieghu li komparati mal-‘progress report’ kompilat minnu, li jigbor x-xoghol ta’ kull gurnata, allega li fl-imsemmija fatturi (ezempju dik bin-numru 12255) hemm indikat fiha ‘tower ladders’ li ma jirrisultawx li kienu ordnati dan dejjem skond l- ‘progress report’ tieghu. Wkoll, li fuq l-imsemmija fatturi l-ohra hemm numru minn dawn t-‘tower ladders’ f’numru akbar milli fil-fatt kienu ordnati. Issa, apparti dan il-‘progress report’ dak li jirrisulta bhala fatt, hu li fejn l-entrata tal-fattura rispettiva, hemm l-firma tal-impiegat tas-socjeta’ jew almenu indikazzjoni tan-numru tal-identita’ tieghu bhala konferma li jkun inqeda bis-servizzi tal-imputat, izda aktar minn hekk, hemm il-firma tax-xhud, qua foreman, li jkun attesta ghall-korrettezza tal-fattura shiha, igifieri ta’ kull xoghol li jkun indikat fuq il-fattura. Oltre dan jirrisulta bhala fatt li l-imputat ma kienx ikun fuq il-lant tax-xoghol u l-impiegat tas-socjeta’ (igifieri tal-Maltacom) kien jiffirma l-entrata rispettiva fuq il-fattura li kienet tkun ghand s-sewwieq fl-impieg tal-imputat.
Fuq l-istess vena hija x-xhieda ta’ Alfred D’Amato (fol-138 et seq) fejn wkoll gie enfazizzat dwar entrati specifiki

indikati fil-fattura numru 13124 li ntqal jirrisulaw imnizzla fuq il-fatturi 11902, 12051 u 11901 b'referenza dok.GM6. Waqt li dan jista' jkun minnu (ghalkemm hemm varjazzjoni fil-hinijiet bejn l-ewwel imsemmi dokument u l-ohrajn) ix-xhud stess stqarr li l-13124 kien iddettha hu lill-imputat meta dan kien irrikorra ghandu ghal xi kjarifiki u x-xhud qua foremen mhux biss ipprovda d-dettalji fuq dawn l-hames entrati indikati fil-fattura 13214 izda approva bil-firma tieghu dak kollu li l-fatturi kienu jindikaw.
Ditto ghal-fattura 11346 (dok.GM5) fejn hemm wkoll allegat entrati doppji b'referenza l-fatturi bin-numru12255, 12155, 12204, 12205, 12206.
Intant, jirrisulta bhala fatt li l-ingenji, 'l-aktar 'tower ladders' izda ukoll 'high ups' u ingenji ohra, kienu jintbghatu lil diversi 'gangs' skond l-ordni li kienet issir. Minn dawn l-hekk imsejjha 'gangs', komposti minn numru ta' haddiema tas-socjeta' kien hemm almenu tlieta.
Minn xhieda ohra (ezempju ta' Joe Cilia fol-360) jirrisulta li l-ordnijiet lill-imputat kienu anka jsiru minn xi haddiem tas-socjeta' skond l-esigenzi tax-xoghol u li l-haddiema kienu intitolati ghal dak li gie riferut bhala 'danger money' marbut ma' l-gholi ta' fejn kellu isir ix-xoghol li jispiega ghaliex kienu jigu l-aktar ordnati l-ghola slielen possibbli. Dan ix-xhud, fost ohrajn bhalu, xehdu li huma ta' sikwit kienu jmorru fuq il-lant tax-xoghol u jispezzjonaw.

Ikkonsidrat:

Fir-rigward l-imputazzjoni tal-falsifikazzjoni. Li gia giet spiegata s-sistema li kienet tintuza li kienet: li ssir l-ordni, l-imputat kien jaqdiha billi jibghat l-impiegat tieghu b'dak li jkun gie rikjest b' dan ta' l-ahhar li kien ikollu ktieb tal-fatturi li l-impiegat tas-socjeta' kien jiffirma jew jinizzjala l-entrata relattiva hekk kif kien jilesti x-xoghol, imbaghad fl-ahhar ta' kull xahar l-varji fatturi, f' numru konsiderevoli, kienu mill-imputat jew impiegat tieghu, jigu moghtija lis-socjeta' li kienet, tramite in-nies teknici taghha, tivverifika kull fattura, li fuqha kien ikollha elenkat il-bosta u varji xoghlijiet li taghhom l-imputat kien ikun intitolat jithallas, u liema fattura kienet wkoll tigi iffirmata minnhom. Bhala fatt irrisulta li l-imputat qatt ma kien jakkompanja l-impiegat tieghu fuq il-lant tax-xoghol. Il-prosekuzzjoni izda qeghdha

tixlih b'falsifikazzjoni ta' entrati specifici li irrisultawlha fuq erba fatturi (esebiti fol. 425 et seq). Fuq talba tal-prosekuzzjoni l-Qorti kienet innominat lil Dottor Abela Medici biex jirrelata fir-rigward. Ir-rapport tieghu jinsab esebit folio 408 et seq. Fil-konkluzjonijiet tieghu l-abbli espert sab li l-firma tal-haddiem tas-socjeta' Joseph Falzon fuq il-fattura 12256 ma gietx maghmula minnu, wkoll dik tal-haddiem Joseph Buttigieg fuq il-fattura11951. Difficilment pero' tali falsifikazzjoni tista' tigi akkollata lill-imputat. Tabilhaqq tesponi ruhha ghal varji possibiltajiet anke ta' kolluzjoni tal-impiegati infushom tas-socjeta'.

Issa, inghad dan, mill-assiem tal-provi l-Qorti m'ghandhiex esitazzjoni li tafferma li fil-kaz specifiku l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet diretti kontra l-imputat, konsistenti fit-truffa, qerq u falsifikazzjoni ma treggi.

Kwindi qeghda tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

A.M.Trigona
Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------